**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2025/2154(DEC)**

3.12.2025

# OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għas-sena finanzjarja 2024
(2025/2154(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Evin Incir

PA_NonLegDec

## OPINJONI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dan li ġej fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-baġit operattiv tal-2024 tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) ammonta għal EUR 24 329 460, li jirrifletti żieda ta' 7 % meta mqabbel mal-baġit finali għall-2023; jilqa' l-fatt li, fl-2024, ir-rata ta' implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' impenn mill-EDPS kienet ta' 96 %;

2. Jinnota r-rwol akbar tal-EDPS f'diversi atti leġiżlattivi ġodda, inkluż l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, li skontu l-EDPS isir l-awtorità kompetenti għall-istituzzjonijiet, l-organi, l-uffiċċji u l-korpi tal-Unjoni, fejn aktar kompiti ġew iddelegati lill-EDPS; jenfasizza li dawn ir-responsabbiltajiet addizzjonali, delegati mill-koleġiżlaturi, jirrikjedu riżorsi adegwati biex jiġi żgurat li l-EDPS ikun jista' jissodisfa l-obbligi tiegħu b'mod effettiv;

3. Jenfasizza r-rwol tal-EDPS biex jissorvelja l-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data personali tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni Ewropea (EUIBA); jesprimi tħassib dwar iż-żmien li jieħu l-EDPS biex jittratta l-ilmenti; ifakkar fid-Deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew tas-7 ta' Novembru 2024 fil-Każ 1888/2023/TM, li fih l-Ombudsman Ewropew ikkonkludiet li sitt snin biex l-EDPS ilesti l-valutazzjoni tiegħu ta' lment ma jikkostitwixxix perjodu ta' żmien raġonevoli u li l-approċċ tal-EDPS ikkostitwixxa amministrazzjoni ħażina; jinnota li l-Ombudsman sabet li l-EDPS naqas ukoll milli jżomm lill-ilmentatur infurmat dwar il-progress tal-każ;

4. Jilqa' l-fatt li fl-2024, l-EDPS iffinalizza 77 każ ta' lmenti ammissibbli, li jirrappreżentaw żieda ta' 33 % meta mqabbla mal-2023; jinnota li mhuwiex ċar meta tressqu dawn l-ilmenti, għalhekk jistieden lill-EDPS itejjeb it-trasparenza proċedurali u jippubblika data dwar l-għadd ta' lmenti ammissibbli riċevuti kull sena, iż-żmien medju meħud biex jiġu investigati u riżolti, u r-raġunijiet għal dewmien sinifikanti; iħeġġeġ lill-EDPS jirrifletti dwar il-KPIs tiegħu u jiżgura li dawn ikopru t-trattament tal-ilmenti kif ukoll jistabbilixxu miri għat-trattament tal-ilmenti u l-inkjesti, b'mod simili għall-prattika tal-Ombudsman Ewropew;

5. Jilqa' t-tnaqqis fil-kostijiet tal-missjonijiet tal-persunal tal-EDPS u fl-għadd ta' missjonijiet tal-persunal minn 246 fl-2023 għal 218 fl-2024; jistieden lill-EDPS ikompli jivvaluta jekk ir-riżorsi minfuqa fuq il-missjonijiet humiex qed jintużaw b'mod xieraq u jikkontribwixxux għall-protezzjoni tad-data personali fl-EUIBA; jinnota li fl-2024 l-EDPS involva ruħu f'għadd ta' avvenimenti, inklużi avvenimenti kummerċjali u li, f'konformità mal-politika ta' involviment tat-taħdit tal-EDPS, l-EDPS "normalment jistenna li l-organizzaturi jkopru l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni"; jesprimi tħassib rigward il-fatt li l-EDPS għadu ma jipprovdix informazzjoni dwar l-għadd ta' missjonijiet iffinanzjati mill-organizzaturi jew minn partijiet terzi oħra, u b'hekk inaqqas it-trasparenza fir-rigward tal-ispejjeż tal-missjonijiet tal-EDPS; iħeġġeġ bil-qawwa lill-EDPS itejjeb il-politiki u l-prattiki tiegħu rigward it-trasparenza tal-ispejjeż tal-missjonijiet;

6. Jinnota li fl-2024, l-EDPS ikkonkluda investigazzjoni waħda, meta mqabbel mal-ebda investigazzjoni konkluża fl-2023, ħareġ 25 opinjoni, tnaqqis meta mqabbel ma' 54 opinjoni maħruġa fl-2023, u wettaq tliet awditi, tnaqqis meta mqabbel ma' ħames awditi fl-2023; iħeġġeġ lill-EDPS jagħmel distinzjoni ċara bejn l-awditi reali u ż-żjarat fil-KPI tiegħu.

## ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li fl-opinjoni tagħha inkludiet kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċeviet, għat-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

| **1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza** |
|---|
| Transparency International EU / EU transparency register: 501222919-71 |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 3.12.2025 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 64<br>–: 5<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Magdalena Adamowicz, Abir Al-Sahlani, Giuseppe Antoci, Jaume Asens Llodrà, Pernando Barrena Arza, Nikola Bartůšek, François-Xavier Bellamy, Ioan-Rareş Bogdan, Saskia Bricmont, Jaroslav Bžoch, Damien Carême, Susanna Ceccardi, Caterina Chinnici, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Alessandro Ciriani, Lena Düpont, Marieke Ehlers, Estrella Galán, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Paolo Inselvini, Irena Joveva, Erik Kaliňák, Marina Kaljurand, Mariusz Kamiński, Fabienne Keller, Mary Khan, Alice Kuhnke, Murielle Laurent, Fabrice Leggeri, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Michael McNamara, Ana Catarina Mendes, Verena Mertens, Nadine Morano, Matjaž Nemec, Ana Miguel Pedro, Ilaria Salis, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Petra Steger, Cecilia Strada, Alice Teodorescu Måwe, Tomas Tobé, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Kristian Vigenin, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Isabel Wiseler-Lima, Ewa Zajączkowska-Hernik, Alessandro Zan, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Katarina Barley, Anna Maria Cisint, Markéta Gregorová, Monika Hohlmeier, Nikola Minchev, Javier Moreno Sánchez, Jan-Christoph Oetjen, Leoluca Orlando, Oliver Schenk, Sebastian Tynkkynen, Alexandre Varaut, Maciej Wąsik |
| **Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali** | Stefano Cavedagna, José Cepeda, Pietro Fiocchi, Andrey Kovatchev, Marcos Ros Sempere, Michał Szczerba, Catarina Vieira |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 64 | + |
|---|---|
| ECR | Stefano Cavedagna, Alessandro Ciriani, Pietro Fiocchi, Paolo Inselvini, Mariusz Kamiński |
| PPE | Magdalena Adamowicz, François-Xavier Bellamy, Ioan-Rareş Bogdan, Caterina Chinnici, Lena Düpont, Monika Hohlmeier, Andrey Kovatchev, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Verena Mertens, Nadine Morano, Ana Miguel Pedro, Oliver Schenk, Michał Szczerba, Alice Teodorescu Måwe, Tomas Tobé, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Isabel Wiseler-Lima, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský |
| PfE | Nikola Bartůšek, Jaroslav Bžoch, Susanna Ceccardi, Anna Maria Cisint, Marieke Ehlers, Fabrice Leggeri, Petra Steger, Tom Vandendriessche, Alexandre Varaut |
| Renew | Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Irena Joveva, Fabienne Keller, Michael McNamara, Nikola Minchev, Jan-Christoph Oetjen |
| S&D | Katarina Barley, José Cepeda, Marina Kaljurand, Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Javier Moreno Sánchez, Matjaž Nemec, Marcos Ros Sempere, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Cecilia Strada, Alessandro Zan |
| The Left | Pernando Barrena Arza, Damien Carême, Estrella Galán, Ilaria Salis |
| Verts/ALE | Jaume Asens Llodrà, Saskia Bricmont, Markéta Gregorová, Alice Kuhnke, Leoluca Orlando, Catarina Vieira |

| 5 | - |
|---|---|
| ESN | Mary Khan, Milan Uhrík, Ewa Zajączkowska-Hernik |
| NI | Erik Kaliňák |
| S&D | Kristian Vigenin |

| 3 | 0 |
|---|---|
| ECR | Sebastian Tynkkynen, Maciej Wąsik |
| The Left | Giuseppe Antoci |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni